Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

Data tal-laqgħa: 17 ta' Diċembru 2024

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Annalise Galea – Kunsillier (AG)

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.05pm.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

7.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier AG infurmat li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużata.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 6. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

7.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 7.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

7.3.1 Para 6.3.1 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat li l-*electrician* se jiġi fuq il-post għada, biex ikun jista' jagħti kwotazzjoni biex isir dawl mas-siġar tal-pjazza.

7.3.2.1 Para 6.3.2 – *Residential Parking Scheme*
Is-Sindku infurma li għad irid jikteb lill-Ministru responsabbli. Qal ukoll li kellem lis-Sindku ta' San Pawl il-Baħar, fejn infurmah li dawk li ġew implimentati kienu f'żoni diġà approvati u mhux f'toroq ġodda. Li għamlu hu li apparti t-tabelli, żiedu simbolu ta' arloġġ miżbugħ f'kull *parking bay* u b'hekk ġew jidhru aktar.

7.3.2.2 Il-Kunsill qabel li din is-sistema tiġi implimentata f'Ħal Balzan.

**F'dan il-ħin (5.09pm) daħlet il-Kunsillier MLB għal-laqgħa.**

7.3.3 Para 6.3.3 - *Framework Agreement – Public Works*
Is-Sindku talab li nibgħatu *reminder* lill-*Public Works* fuq l-applikazzjoni għal *patching* (*hot asphalt*) ta' Triq Santa Marija peress li għandna ma rċevejniex risposta.

7.3.4 Para 6.3.4 - *Telephone Box* li hemm fil-Pjazza
Is-Sindku se jikteb direttament lis-CEO tal-Go plc peress li bqajna mingħajr tweġiba.

7.3.5 Para 6.3.5 – Vjal Kulħadd
Is-Sindku talab biex wara l-festi nibgħatu *reminder* fuq l-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta.

7.3.6 Para 6.3.6 - *Speed tables*
Is-SE infurmat li qed tistenna kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali. Se nerġgħu inkellmuh.

7.3.7 Para 6.4.3 - Laqgħa mal-*Community Police*
Is-Sindku irrimarka li qisna tlifna kull kuntatt minn mal-*Community Police*, kemm ilha li waqfet temporanjament il-*Manager,* u għalhekk talab li niktbu lill-Kummissarju biex jindika min hi l-persuna li se tkun inkarigata fl-assenza tal-*Manager*.

7.3.8 Para 6.4.4 - Parkeġġ illegali quddiem iz-zuntier
L-applikazzjoni biex jiġu nstallati *bollards* ġiet ippreparata u ser tiġi sottomessa lill-TM.

7.3.9 Para 6.14.2 - Wesgħa Ġiġi Gauci
Is-SE infurmat li l-kuntrattur għandu jagħtina risposta dwar x'tip ta' pjanti l-aħjar li nħawwlu. Is-Sindku talab li nċemplulu biex infakkruh.

7.3.10 Para 6.14.10 - *MC Bay* fiż-żona tal-Pjazza
Is-SE infurmat li l-*MC Bay* saret fejn il-garaxx tal-Pulizija fi Triq Ġużè Bonniċi.

## 7.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.4.1 <u>Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li bħal kull xahar, attenda għal-laqgħa tar-Reġjun, li kienet l-aħħar laqgħa għal din is-sena. F'din il-laqgħa ħareġ ċar lir-Reġjun mhux qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja komda u għalhekk għas-sena d-dieħla se jkunu aktar limitati fl-ammont ta' skemi finanzjarji li joħorġu. Is-Sindku qal lir-Reġjun għandu jiġbor madwar miljun ewro fi ħlasijiet pendenti ħafna minnhom relatati mas-servizz ta' skart.

7.4.2.1 <u>Xogħlijiet tal-WSC / Enemalta plc</u>
Is-Sindku infurma li qed nirċievu ilmenti dwar il-mod ta' kif sar l-asfalt fi Triq it-Tliet Knejjes. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw b'dan lill-WSC u ninkludu ritratti ta' dawn il-problemi.

7.4.2.2 Is-Sindku infurma li l-Perit Etienne Spiteri qal li l-*issue*s li kien għad baqa' fit-toroq l-oħra (*snags*) se jsiru l-ġimgħa d-dieħla. Jekk ma jsirux, is-Sindku talab li niktbu direttament lis-CEO tal-WSC.

7.4.2.3 Dwar ix-xogħlijiet li l-WSC se jkun qed jagħmlu fil-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira, is-Sindku infurma li s'issa għadhom ma bagħtux id-dokumentazzjoni relatata max-xogħlijiet. Se nibgħatulhom *reminder* wara l-festi.

7.4.3 <u>L-Istrina 2024</u>
Is-Sindku infurma li bħala Viċi President tar-Reġjun Tramuntana, l-għada tal-Milied se jkun preżenti fl-Istrina biex bħala Reġjun jippreżentaw donazzjoni.

## 7.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.5.1 Il-Kunsillier MLB staqsiet jekk is-servizz ta' *shuttle* għadux jopera. Is-SE infurmat li s-servizz tal-Kunsill għadu jopera normali. Qalet ukoll li apparti s-servizz tal-Kunsill, issa hemm ukoll is-servizz tas-Silver T.

7.5.2.1 Il-Kunsillier MLB qalet li għandha ħafna ilmenti peress li tħassru żewġ dati minn tlieta tat-trasport għall-*vaccines*. Qalet li residenta infurmata li meta bdew jiġu nies l-uffiċċju jibbukkjaw, bdew jinfurmawhom li t-trasport tħassar u li bdew jibgħatuhom il-Birgu jew Bormla. Is-SE qalet li dawn tħassru minħabba nuqqas ta' konkorrenza. Qalet ukoll li ma jistax ikun li bdew jibgħathom il-Birgu / Bormla. Kien hemm diskussjoni. Is-Sindku qal li idealment meta resident iħoss li ma jkunx trattat tajjeb mill-uffiċċju għandu jirreferi l-ilment tiegħu immedjatament u mhux jitħalla żmien jgħaddi. Qal li kwalunkwe servizz li jkun approvat mill-Kunsill, ma jiġi ikkanċellat diment li ma jkunx approva l-Kunsill. Is-SE qalet li dan it-tibdil kien miftiehem mal-Kunsillier MLB. Is-Sindku qal li sfortunatament jidher li kien hemm element ta' *miscommunication.*

7.5.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx obbligat li jorganizza dan is-servizz. Sar għax bħala Kunsill ħassejna li kellna nagħmluh.

7.5.2.3 Is-SE infurmat li mil-lum 'il quddiem se jibda jsir kollox bil-miktub ħalli ma jkunx hemm problemi.

## 7.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

7.6.1 <u>Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2025</u>
L-Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2025 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

7.6.2 Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsilliera. L-Estimi Finanzjarji *Draft* ġew approvati. Is-SE ser tippreżenta kopja fil-format formali skont ir-regolamenti fil-laqgħa li jmiss, b'figuri aġġornati abbażi tal-Allokazzjoni tas-sena 2025.

## 7.7 *iBiNs Collaboration Agreement*

7.7.1 Is-Sindku qal d-*Draft Agreement* tal-*iBins* li bagħtu l-GreenPak, qed jixħet il-maġġoranza tal-piż kollu fuq il-Kunsill. Is-Sindku qal li ppruvjana ninnegozjaw permezz ta' *Draft Agreement* li ġie ppreparat mir-Reġjun Tramuntana.

7.7.2 Is-Sindku qal li aħna konna l-ewwel Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun li bgħatna dan id-*Draft Agreement* lill-

GreenPak. Dan l-*Agreement* ma ġiex aċċettat minn GreenPak, fejn qalulna li l-*Agreement* huwa l-istess għall-Kunsilli Lokali kollha u ma jistax jiġi emendat.

7.7.3 Il-Kunsill ma jħossx li huwa ġust li jiġi imponut piż fuq il-Kunsill mingħajr ma jkun hemm iċ-ċans li jiġu nnegozjati l-kundizzjonijiet tal-*Agreement.* F'dan ir-rigward kien hemm qbil li niktbu direttament lill-Ministru biex nirreġistraw ir-rabja tagħna għal din ir-risposta u ninfurmawhom li jekk se nibqgħu b'dan l-istatus, ma jkollniex triq oħra ħlief li nneħħu s-sit kompletament.

## 7.8 Skemi Finanzjarji

7.8.1 Is-SE infurmat li m'hemmx Skemi ġodda x'jiġu diskussi.

## 7.9 Proġett ta' *Embellishment* fi Triq il-Qarċilla

7.9.1 Għadna qed nistennew is-*survey* tat-triq mingħand il-Perit. Is-Sindku se jkellem lill-Perit.

## 7.10 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

7.10.1.1 <u>Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Dwar plakka mal-ħajt tal-Knisja li tikkommemora lill-Monsinjur, il-Kappillan se jkun qed jagħti risposta aktar 'il quddiem, wara li jikkonsulta peress li l-bini tal-Knisja huwa kemm xejn sensittiv, speċjalment wara li għadu kif sar ir-restawr tal-ħitan.

7.10.1.2 Il-Kunsillier MLB issuġġeriet minflok plakka jista' bust fuq il-bankina l-wiesgħa mal-ġenb tal-Knisja. Il-Kunsill approva. Is-Sindku se jkellem lill-Perit.

7.10.2 <u>Mural ta' Gabriel Caruana</u>
Il-Perit infurma li l-Kunsill irid japplika għal permess (DNO) mal-PA qabel ma jsir il-*mural.* Il-Kunsill approva.

7.10.3 <u>Konti Bernardo Manduca</u>
Dwar il-plakka tal-irħam tal-Konti Manduca, is-Sindku se jkellem lil sid Villa Macedonia.

## 7.11 Xogħlijiet mill-WSC / Enemalta plc

7.11.1 Il-proġett ġie diskuss aktar qabel f'*item* 7.4.2.

## 7.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

7.12.1.1 <u>Vakanza – Assistent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11)</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mingħand Mariella Casha (Assistent Prinċipal) fejn qed tinforma li f'Awwissu 2025 ser tilħaq l-età pensjonabbli u għalhekk ser tkun qed tirtira mix-xogħol. Il-Kunsill wera ringrazzjament u apprezzament tal-ħidma tagħha tul dawn is-17 –il sena li ilha taħdem mal-Kunsill u b'dispjaċir ser nitilfuha.

7.12.1.2 Il-Kunsill unanimament approva biex immedjatament jibda l-proċess għall-ingaġġ ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali (skala 11 – *full-time*) biex jissostitwixxi lill-impjegata li ser tirtira. Is-SE se tikteb lid-DGL biex jinħareġ il-permess sabiex jibda l-proċess.

7.12.2 <u>Talba mill-impjegati biex iġġeddu xi *leave* għas-sena 2025</u>
Il-Kunsill approva t-talbiet tal-impjegati biex iġeddu xi *leave* mill-2024 għall-2025, kif indikat:
- Sonia Ellul (Skrivana) – 48 siegħa; u
- Caroline Galea (Skrivana) – 48 siegħa.

7.12.3.1 <u>*Performance Bonus* għas-sena 2024 lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Ħaddiema Klerikali</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-*performance* għas-sena 2024 tas-SE u l-ħaddiema klerikali. Is-SE irrakkomandat li, l-Assistent Prinċipal u ż-żewġ (2) skrivani *full-time* jingħataw il-massimu ta' 6%.

7.12.3.2 Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti tal-Assistent Prinċipal u ż-żewġ (2) skrivani. Il-Kunsill għadda xi rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-ħidma tal-impjegati u unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 6% tas-salarju lit-tliet (3) impjegati.

7.12.3.3 Is-SE ġiet infurmata li m'hemmx bżonn toħroġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-SE (li kien preparat mis-Sindku) fil-preżenza tagħha. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju.

7.12.4 ***Sleeping policeman / Speed table*** **fi Triq il-Kbira**

Il-Kunsillier ONDG infurma li resident qed jissuġġerixxi li ssir *sleeping policeman* jew *speed table* viċin it-Tikabu għax il-vetturi qed jitilgħu b'veloċità. Skond il-*policy* tal-Kunsill, ir-resident għandu l-ewwel iġib il-kunsens mingħand ir-residenti li joqgħodu fil-madwar.

7.12.5 **Triq San Franġisk**

Is-Sindku ressaq ilment li rċieva mingħand residenta dwar linji sofor eċċessivi fi Triq San Franġisk (viċin Triq il-Ferrovija l-Qadima). Se niċċekkjaw dwar dan.

7.12.6 **Attività għal żmien il-Milied**

Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq il-preparamenti tal-attività li se ssir nhar il-Ħadd 22 ta' Diċembru 2024.

## 7.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

7.13.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 12/24, li tinkludi l-ammont ta' €132.92c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Novembru 2024.

7.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Kunsillier MLB. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 7.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

7.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.05pm.

7.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2025.

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv